# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail:* ***kappellimaltihbieb@gmail.com***
***Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin***

Ottubru 2021 — Ħarġa Nru 15

## Kumitat 2020

President
Adrian Schinas

Viċi-President
Valent Xuereb

Segretarju
Leonard Agius

Asst. Segretarju u PRO
Norbert Gingell

**Teżorier**
Godfrey Mangion

**Assistent Teżorier**
Angele Xuereb

## WERREJ

*Pġ 2 Knisja ta' Santa Katarina ta' Lixandra, Imqabba*

*Pġ 4 Kappelli ddedikati lil Sidna Ġesu Kristu (it-tieni parti)*

## EDITORJAL

*Għeżież Membri u Ħbieb,*

Wara l-waqfa tas-sajf krudil li għaddejna minnu, nerġgħu niltaqgħu permezz ta' dan il-fuljett elettroniku. Nispera li kulħadd jinsab tajjeb, qawwi u sħieħ.

F'din l-edizzjoni se nagħtu ħarsa lejn kappella li bħalissa għaddej xogħol ta' restawr fuqha, dik ta' Santa Katarina fl-Imqabba. Bħala Għaqda nieħdu pjaċir naraw xogħol ta' restawr fuq il - wirt reliġjuż li ħallewna missierijietna, ħalli ngawduh aħna fil-preżent u ngħadduh lil ġenerazzjonijiet ta' warajna fi stat tajjeb.

Inkomplu bit-tieni parti mill-artiklu dwar knejjes u kappelli ddedikati lil Kristu, jew bħala is-Salvatur, it-Trasfigurazzjoni, Qalb ta' Ġesu, jew taħt xi titlu ieħor.

Nisperaw li ssibu dan il-fuljett interressanti.

N. Gingell
*Għal Kumitat*

## KAPPELLA LI M'GĦADIEX TEŻIŻTI



Il-Kappella tal-**Lunzjata f' Ħ'Attard. Fil**-gwerra ntalqtet bil-**bombi imma ma waqgħetx. 20 sena wara tmiem il**-gwerra, il-Gvern ikkumpensa lil –awtoritajiet tal-Knisja **biex tiġi mħottija ħalli titwessa t**-triq.

*It-titular tal-**kappella li llum jinżamm fil-mużew tal-parroċċa***




**It-Thabbira tal-Anġlu** (1725)
*Aloysio Buhagiar ( 1696 - 1769 )*
*Kappella il-Lunzjata (Mġarrfa) - Attard*
*Ritr. Joseph Sciclunа - Mużew tal-Parroċċa (Attard)*

## IL-KNISJA TA' SANTA KATARINA TA' LIXANDRA, IMQABBA

Bħala Għaqda nieħdu gost naraw restawr tal-knejjes / kappelli, kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa.

U propjament waħda mill-knejjes u kappelli li qed isir restawr fiha hija dik iddedikata lil Santa Katarina fl-Imqabba.

F' Malta, il-Kult ta' Santa Katerina kien diġa stabbilit sewwa sal-1436. Minn rapport li kien sar fuq talba tal-Isqof Mello, kien hemm tnax-il knisja dedikati lil din il-qaddisa, bl-ewlenin fosthom dawk taż-Żejtun u taż-Żurrieq. Knejjes bl-istess titlu kienu f' Birkirkara, l-Gudja, ir-Rabat, in-Naxxar, Ħal-Qormi u l-Belt Valletta.

L-Imqabba huwa raħal antik fin-nofs-in-nhar ta' Malta. Jinstab qrib iż-Żurrieq, Ħal-Kirkop, Ħal-Luqa u l-Qrendi. Fid-29 ta' Mejju 1592, l-Isqof Gargallo ddikjara l-Imqabba parroċċa b' dedika lit-Tlugħ is-Sema tal-Madonna. Nafu li f' dan ir-raħal, dak iż-żmien kien hemm tmien knejjes żgħar. Erbgħa kienu dedikati lil Assunta, waqt li l-erbgħa l-oħra kienu dedikati lil San Mikiel, San Bażilju, Santa Katerina u San Pietru. Minn dawn fadal biss waħda tal-Assunta, li illum hija l-knisja parrokkjali, u dawk ta' San Mikiel, San Bażilu u Santa Katerina.

Għall-bidu jidher li l-kinisja kienet żgħira u nieqsa minn ħafna affarijiet. Għalkemm d-devozzjoni lejn il qaddisa qatt ma naqset, jista jkun li l-fidili kien ikollhom imorrru ż-Żurrieq għall- ħtiġijiet spiritwali. Nafu li l-knisja anqas rettur ma kellha, għalkemm għal xi żmien ċertu Marjanu Hajus kien jixgħel il-lampier u jagħmel il-festa bil-għasar u quddies, mid-dħul ta' għalqa li kellu f' tal-Ħandaq.

Fl-1634, l-Isqof Pontremoli kiteb li f' din il knisja sab artal tal-ġebel, gandlieri, salib, ikona ta' Sant' Andrija u ikona ġdida ta' Santa Katerina. Mid-dehra dak iż-żmien il kappella ma kien jonqosha xejn. Iżda fl-1759 kienet f'kundizzjini ħażina ħafna. Ġie ordnat li titwaqqa' flimkien mal-knisja ta' San Pietru li kienet qribha. Il-ħsieb kien li flokhom tinbena knisja waħda dedikata liż-żewġ qaddisin.

Il-knisja tinstab fi pjazza erba' passi bogħod mill parroċċa. Dik li naraw illum bdiet tinbena minn Ġanni Schembri fl-1769. Taħt l-ewwel ġebla tpoġġew relikwi ta' San Kandidu, Sant' Anjese u Santa Kolumba flimkien ma' medaljun ta' San Pietru u San Pawl. It-tqegħid tal-ewwel ġebla ġie mbierek mill Kappillan Dun Mikiel Giacomo Tortella. Damet tinbena għaxar snin. Meta tlestiet ġiet ikkonsagrata mill- istess kappillan u dedikata lil Santa Katerina u San Pietru.

Minn barra il-knisja għandha forma kwadra, b'pilastri stil rinaximentali f'kull kantuniera li jitilgħu sal-friż. Għandha bieb wieħed u fuqu hemm pediment segmentali maqsum. Fuqu hemm tieqa kbira biex iddawwal ġewwa. Tidher ukoll il-koppla fuq tanbur ottagonali u fuq din il-lanterna. Fuq il-kantuniera tax-xelluq insibu kampnar li jidher li nbena ħafna wara il tlestiet il knisja.

Minn ġewwa l-knisja għandha forma tonda. Għandha skultura sabiħa speċjalment il-gwarniċun tat-twieqi li jinsabu fil-ħitan tal-ġenb. Għandha artal wieħed tal-ġebel, li huwa miżbugħ donnu rħam. Fuq l-artal hemm pittura ta' artist mhux magħruf. Il-kwadru, li qiegħed fi prospettiva skulturata u sabiħa, juri iż-żwieġ mistiku ta' Santa Katarina. Jidhru wkoll il-Madonna bil-Bambin f'ħoġorha, kif ukoll San Ġwann l-Evanġelista. Wara Santa Katarina tidher mara qed titlob tħares lejn il-Madonna. Fuq nett tidher ħamiema li tissimbolizza l-Ispirtu S-Santu. Ħaġa kurjuża kif ma jidhirx kwadru ta' San Piteru meta l-knisja hija dedikata wkoll lil San Pietru. Fuq il-lemin isfel tidher id-data "1776", aktarx meta sar il-kwadru.

Qabel, din il-knisja kienet tintuża ħafna. Kienu jsiru purċissjonijiet penitenzjali mill-parroċċa fl-ewwel tas-sena u f'Corpus. Kienu jżuru l-knejjes żgħar tal-parroċċa u wara tingħata l-barka sagramentali. Barra dan kienu jiġu ċċelebrati l-festi ta' San Pietru u Santa Katarina bl-għasar u quddiesa kantata.

Fit-tieni gwerra dinjija l-knisja parrokkjali tal-Imqabba ntlaqtet mill-bombi. Għaldaqstant kellhom jużaw il-knisja ta' Santa Katerina biex jerfgħu xi armar. Iż-żminijiet inbidlu iżda din il-knisja baqgħet tintuża hekk.

Il-knisja tinsab f'kundizzjoni tajba ħafna. Tintuża xi kultant għal xi laqgħat reliġjużi. Xi snin ilu, grazzi għall-Kunsill Lokali, kien sar xi restawr fuq barra tal-knisja. Hija ħasra li tinsab magħluqa. Għall-inqas imissu jinbet il-ħsieb li ssir mużew tal-affarijiet tal-knisja li llum m'għadhomx jintużaw.

*Kitba: Louis Fenech . Informazzjoni riċerkata minn diversi kotba, artikli u mill-Internet*

*Editjar u arranġament : Leonard Agius*

*Ritratti : L Fenech u N Gingell*

# IL-KNISJA TA' SANTA KATARINA TA' LIXANDRA, IMQABBA



*Il-Knisja ta' Santa Katarina li qed tiġi restawrata*



*It-Titular li juri ż-żwieġ mistiku ta' Santa Katarina il-Madonna bil-Bambin, San Ġwann l-Evanelista.*

*L-artist mhux magħruf*.



*Perspettiva tal-artal*



# KAPPELLI DDEDIKATI LIL SIDNA ĠESÙ KRISTU

**Kitba ta' Anthony Brincat** *it-tieni parti*

Żewġ kappelli oħra ddedikati lit-Trasfigurazzjoni ta' Kristu huma dawk tal-Qrendi u taż-Żejtun. Tal-Qrendi li naraw llum nbniet fl-1658 minn Benedittu Camilleri iżda fl-1575 meta Mons. Dusina żar ir-raħal hu kien sab kappella antika ddedikata lis-Salvatur, u qal li kienet il-knisja ewlenija tar-raħal. Din il-kappella għandha forma rettangolari xi ftit imdaqqsa u hija msaqqfa b'saqaf troll u llum tinżamm miftuħa biex fiha ssir l-Adorazzjoni tas-Sagrament.

Il-kappella taż-Żejtun hija qadima wkoll u din kien żarha Dusina. Dik li naraw llum inbniet fl-1707 b'forma rettangolari u saqaf troll. Misjuba wkoll bħala tas-Salvatur, fiha kwadru titolari mpitter minn Gian Nikola Buhagiar u statwa żgħira ta' Kristu marbut mal-kolonna, xogħol taż-Żejtuni Xandru Farrugia. Il-faċċata tal-kappella saret mill-ġdid fil-bidu tas-seklu għoxrin u din il-kappella tinfetaħ wkoll biex fiha ssir l-Adorazzjoni tas-Sagrament.

Fit-Tlett Ibliet tal-Birgu, l-Isla u Bormla nsibu Oratorji li huma ddedikati lil Ġesù Kurċifiss. Jieħdu ħsiebhom il-Fratellanzi tal-Kurċifiss u t-tlieta li huma għandhom l-immaġini tal-Kurċifiss li jiġbdu ħafna devozzjoni. Fihom ukoll jinżammu l-istatwi tal-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira li jsiru f'dawn l-ibliet. F'dak ta' l-Isla hemm l-istatwa devota u mirakoluża tar-Redentur. F'ta' Bormla u tal-Isla nsibu pittura ta' Francesco Zahra u skultura ta' missieru Pietro Paolo.

Il-kappelli ddedikati lill-Qalb ta' Ġesù, fil-Mosta, fil-Marsa Albert Town, Ħal Balzan, u fin-Nadur inbnew lejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, waqt li f'Marsaxlokk fit-torri magħruf bħala l-Kavallerizza hemm kappella oħra b'din id-dedika. Iżda billi dan it-torri llum huwa residenza privata mhux żgur li din il-kappella għadhiex tintuża bħala hekk.

Dik tan-Nadur inbniet fil-bidu tas-seklu għoxrin mill-aħwa Dun Ġużepp Vella u Ġanni Vella magħrufa bħala Ta' Karkanja. Hija mżejna minn pittura fis-saqaf u l-koppla xogħol ta' Ġużeppi Briffa u kwadri ta' Lazzaro Pisani. Tkun miftuħa kuljum għall-Adorazzjoni tas-Sagrament.

L-oratorju tal-Mosta beda jinbena fl-1928 u tlesta fl-1935. Inbena biex fih isir it-tagħlim tad-duttrina lis-subien Mostin u aktar tard sar ċentru għaż-żgħażagħ kollha. Minnu ħareġ ħafna ġid u kif ukoll ħafna vokazzjonijiet.

Dik ta' Albert Town fil-Marsa nbniet meta twaqqaf dan ir-raħal żgħir f'nofs is-seklu dsatax, li iżda qatt ma kien popolari u qatt ma kiber.

F'Ħal Balzan hemm kappella oħra ddedikata lill-Qalb ta' Ġesù li nbniet mis-sorijiet tar-Ragħaj it-Tajjeb fl-1860 u għalhekk hija magħrufa bħala tal-Bon Pastur.

*L-artiklu jitkompla fil-ħarġa ta' Novembru*




Birgu — Orotorju tal-Kurċifiss



Isla - Orotorju tar-Redentur



Marsa, Albert Town— Kappella Qalb ta' Ġesu



Belt Valletta—Kappella tas-SS Sagrament




Bormla - Orotorju tal-Kurċifiss



Belt Valletta- Kurċifisss ta' Ġiezu - Orotorju tar-Redentur





Mosta - Orotorju Qalb *ta'* Ġesu

Balzan - Kappella tal-Bon Pastur







Marsaxlokk, Tal-Kavallerizza — Qalb *ta'* Ġesu

Nadur - *Kappella Qalb ta' Ġesu, Ta' Karkanja*





*Ritratti: Anthony M Brincat , N Gingell, Michael Debono*